**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**John Faber Uruena Molina**

Numru 755/2013

Illum 28 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront tal-imputat **John Faber Uruena Molina**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Gregorio u Martha neé Molina, imwieled il-Kolumbja fit-3 ta' Frar 1982, residenti gewwa C La Chulapana, Madrid, Spanja u detentur tal-Passaport Kolumbjan bin-numru AO 225778

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Awwissu 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet

[1] *A fol.* 215 *et seq.*

tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni;

2. ghamel att ta' *money laudering* billi:

   (i) ikkonverta jew trasferixxa proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali, u /jew

   (ii) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzijoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew

   (iii) akkwista proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew

   (iv) zamm minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew ttenta hekk kif imfisser l-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii, iii u iv);

   (v) irreda ruhu komplici hekk kif imfisser l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali taghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii, iii u iv).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilu jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 14) datat 12 ta' Awwissu 2013 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 217) datata 6 ta' Marzu 2014 *ai termini* ta' Artikolu 3(2A)(a) tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Att.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 836/2013[2] redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera liema Process Verbal jirrigwarda importazzjoni ta' droga minn persuna ta' nazjonalita' Spanjola bl-isem ta' Gloria Stella Vargas Pena.

[2] *A fol.* 55 *et seq.*

Rat il-Process Verbal bin-Numru 772/13[3] redatt mill-Magistrat Dr. Carol Peralta liema Process Verbal jirrigwarda Stqarrija Guramentata rilaxxata minn Gloria Stella Vargas Pena.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 457 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015 (*a fol.* 505 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 570) datata 21 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha bis-sahha ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza u tal-istess Att.

Rat illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 571), id-difiza ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet id-depozizzjoni tal-imputat minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet ukoll ix-xhud mressqa mill-imputat.

Semghet, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016, is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 631 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

[3] *A fol.* 66 *et seq.*

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn spjega li fl-10 ta' Awwissu 2013 kien hemm xi nies jaghmlu *spot checks* fl-ajruport f'Malta fejn gew imwaqqfa s-segwenti: Gloria Stella Vargas Pena, l-imputat u certu Ivan Alexander u Johanni, fejn l-ahhar zewg persuni gew rilaxxati aktar tard. Spjega kif Vargas Pena mal-ewwel harget tubu mill-parti intima taghha kontenenti madwar 212 il-gramma suspettati kokajina. Jghid li t-tfittxija fuq it-tliet persuni l-ohra rrizultat fin-negattiv. Jixhed li Vargas Pena qaltlu li kellha tiltaqa' ma' persuna liebes qalziet abjad u flokk blu gewwa l-Burger King f'Paceville. Jghid li l-imputat kien liebes l-istess deskrizzjoni ta' hwejjeg li tatu Vargas Pena u li l-erba' min nies gew fuq l-istess titjira FR 5382 minn Spanja ghal Malta permezz tar-Ryanair. Jghid li minkejja li l-imputat qal li ma kellu x'jaqsam xejn ma' Vargas Pena, is-sekwenza tal-biljetti, ghalkemm ma kienux fl-istess numru tal-PNR kien hemm in-numru konsekuttiv. Qal li mentri l-biljetti tal-imputat u taz-zewg persuni l-ohra li gew rilaxxati kienu taht l-istess PNR, il-PNR ta' Vargas Pena kien wiehed differenti. Spjega li minn *tablet* li kellu l-imputat, kien hemm diversi ritratti tieghu flimkien ma' persuna femminili u tifla fejn Vargas Pena qalet li hija giet mibghuta Malta mill-persuna femminili li tidher fir-ritratt liema persuna organizzatilha kollox, inkluz il-biljett, tatha d-droga u spejgatilha kif kellha taghmel u nfurmatha li l-*partner* taghha kien ser ikun liebes il-hwejjeg li ezebixxa. Jghid li l-imputat cahad li din il-mara kienet il-mara tieghu pero minn tfittxija li saret fil-*wallet* tieghu nstab ritratt taghha, liema ritratt gie ezebiet. Spjega li meta staqsa lil Vargas Pena x'vettura ntuzat, hija wiegbet li kienet qed tuza vettura hamra u li l-imputat qallu li huwa ghandu Ford Focus ta' kulur ahmar. Jghid li din il-vettura tinsab inkwadrata fit-*tablet* ezebiet. Ezebixxa, fost l-ohrajn, il-hwejjeg li kienu fuq l-imputat (Dok. "NS"), il-biljetti tal-arju tal-imputat u ta' Vargas Pena (Dok. "NS 1" u Dok. "NS 2" – *a fol.* 32 *et seq.*), ritratt (Dok. "NS 3" – *a fol.* 35), *tablet* (Dok. "NS 4), u ritratt iehor (Dok. "NS 5" – *a fol.* 36).

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 24 *et seq.*) qal li Vargas Pena qaltlu li lill-imputat anqas qatt ma kienet ratu qabel. Jghid li n-numru tal-imputat ma kienx jirrizulta fil-*mobile* ta' Vargas Pena u anqas vice-versa. Mistoqsi jghid jekk jafx jekk kienx hemm xi hadd liebes b'qalziet abjad u flokk blu fuq l-ajruplan jghid li ma jafx. Jghid li ma gewx iccekkjati in-nies tal-ajruplan. Jghid li l-imputat innega kollox. Ikkonferma li Vargas Pena ma gharfitx il-vettura tal-imputat pero qaltlu li giet misjuqa minn vettura hamra. Jghid li Vargas Pena kienet qaltlu li malli tinzel Malta kellha taqbad taxi u tibqa' sejra quddiem il-Burger King f'Paceville.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013 (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn ipprezenta bhala Dok. "NS 1" (*a fol.* 90) DVD *recording* tal-10 ta' Awwissu 2013 li ngib mill-ajruport fejn jidhru l-erba' persuni li semma fid-depozizzjoni tieghu. Jghid li l-imputat jidher liebes flokk blu u qalziet abjad. Qal li saret ricerka fuq is-sit *Facebook* fejn instab il-profil ta' certa Luz Stella Oyola Lozada li kienet identifikata bhala l-*partner* tal-imputat. Ezebixxa disa' (9) ritratti li gew immarkati bhala Dok. "NS 2" (*a fol.* 91).

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 87 *et seq.*) jghid li kuntatt ma' Luz Stella ma sarx. Jghid li Vargas Pena identifikat lill-persuna li giet murija f'ritratt ezebiet minnu li kienet il-mara li ghaddietilha d-droga. Jghid li ngabx filmat tal-Burger King.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehed ukoll **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega li fl-10 ta' Awwissu 2013 kien qed jaghmel spezzjoni gewwa l-ajruport flimkien ma' ufficjali ohra tal-Pulizija. Jghid li gie mwaqqaf l-imputat li kien ma' zewg persuni ohra u giet imwaqqfa wkoll Vargas Pena li kienet wahidha. Spjega li WPS 297 qaltlu li Vargas Pena kienet qaltilha li kellha pakkett fil-parti ntima taghha. Jghid li meta bdew jaraw il-karti li kellhom kemm il-booking tal-lukanda u kif ukoll il-*print outs* tat-titijiriet tar-ritorn tar-Ryanair gie nnutat li s-sekwenza tal-biljetti kienu kontinwi: tal-imputat u taz-zewg persuni li kien hemm mieghu u kif ukoll ta' Vargas Pena. Jghid li kien mar flimkien ma'

Vargas Pena fil-lukanda biex jaraw jekk tirceviex xi telefonata pero sa l-ghada ma rceviet l-ebda telefonata.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li Vargas Pena wiegbet fin-negattiv ghad-domanda jekk kienitx taf lill-imputat u liz-zewg persuni li kellu mieghu.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2013, xehdet ukoll **WPC 44 Graziella Sciberras** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjegat li wara li fl-10 ta' Awwissu 2013 kienet ghadha kemm waslet titjira minn Spanja hi flimkien ma' WPS 297 ghamlu *strip search* ta' Vargas Pena waqt liema *strip search* Vargas Pena harget kapsola kbira mill-parti genitali taghha liema kapsola kienet mimlija droga. Tghid li meta Vargas Pena giet mistoqsija jekk tafx lit-tlitt irgiel li waslu fuq it-titjira taghha, dak il-hin wiegbet fin-negattiv pero huma hu hergin mill-ajruport qaltilhom li kienet taf wiehed minnhom. Tghid li huma bdew ikellmuha bil-*google translate* u wara d-domanda li ghamlulha hi qaltilhom *"one"*. Tghid li anke ndikatilhom b'subghajha *"one"*.

In <u>kontro-ezami</u> kkonfermaw li kienu qed isiru *spot-checks* fl-ajruport. Ikkonfermat li ma setghu jifhmu xejn tant li kellhom icemplu lit-traduttrici Imelda Feda.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn spjega li l-analizi ta' trab ta' lewn abjad li kien hemm fil-kapsula li nstabet fuq Vargas Pena rrizultat pozittiv ghall-kokajina. Jghid li l-piz ta' trab kien dak ta' 199.86 grammi u l-purità kienet ta' cirka 38%. Jghid li skond il-Malta National Report 2011 il-valur ta' kull gramma ta' kokaijna huwa dak ta' €63.78 li jaghti total ta' €12.747.70. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 94 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehed ukoll l-Ufficjal tad-Dwana **Anthony Cutajar** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-10 ta' Awwissu 2013 kien xoghol fl-ajruport u li gew imwaqqfa erba' persuni, inkluz l-imputat u kif ukoll Vargas Pena. Jghid li l-imputat kien liebes flokk blu bir-reklam tal-Honda fuqu u kif ukoll

*shorts* abjad. Jghid li minn tfittxija li saret fuq l-irgiel ma rrizulta xejn mentri minn tfittxija li saret fuq Vargas Pena nstab tubu bi trab suspettuz.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehed ukoll l-Ufficjal tad-Dwana **Mario Mifsud** (*a fol.* 107 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Anthony Cutajar. Jghid li fuq it-tlitt irgiel ma nstab xejn u anqas fil-bagalji taghhom.

In kontro-ezami kkonferma li Vargas Pena ma hargitx mat-tlitt irgiel pero harget warajhom. Jghid li l-imputat beda jghid li ghandu hanut u li z-zewgt irgiel l-ohra kienu haddiema tieghu.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehdet ukoll **WPS 297 Rhian Spiteri** (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn qalet li fl-10 ta' Awwissu 2013 kienet flimkien ma' kollegi taghha fl-ajruport. Tghid li t-tfittxija li saret fuq il-bagalja ta' Vargas Pena rrizultat fin-negattiv u li waqt li kien qed isir *strip search* fuq Vargas Pena flimkien ma' WPC 44, Vargas Pena harget tubu twil mill-parti intima taghha liema tubu kien suspettat kien bid-droga. Tghid li ma setghax isir kuntatt ma' Vargas Pena ghajr bil-lingwa Spanjola u li meta sar kuntatt mal-interpretu li staqsietha jekk kienitx qed taghraf lil xi hadd mit-tlitt irgiel li kienu gew mwaqqfa, inkluz l-imputat, wiegbet fin-negattiv. Tghid li ftit wara hi (WPS 297) uzat il-*google translate* u regghet staqsiet lil Vargas Pena l-istess domanda u Vargas Pena qaltilha *"one, one"* u ghamlet il-gest b'numru wiehed b'subghajha.

In kontro-ezami tghid li meta Vargas Pena ttiehdet id-Depot tal-Pulizija, l-interpretu qaltilhom li Vargas Pena bdiet tghid li kellu jkun hemm ragel b'qalziet abjad sa rkuptejh u flokk blu li kellu jiltaqa' maghha gewwa l-Burger King f'Paceville u kellu jigbor il-pakkett.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehed ukoll **PC 599 Clive Mangion** (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-10 ta' Awwissu 2013 meta t-tlitt irgiel, inkluz l-imputat, gew mehuda l-ufficcju tal-Ufficjal Prosekutur, it-tlieta li huma qal li l-imputat kellu hanut tal-haxix go Spanja u li kien sejjer hazin u bieghu u li z-zewg persuni li

kien hemm mal-imputat kienu lavranti tal-imputat. Jghid li z-zewg persuni qalu li kien l-imputat li ha hsieb ghall-akkomodazzjoni u ghal biljetti tal-ajru. Dan ikkonfermah ukoll l-imputat. Jghid li meta sar kuntatt f'Ir-Rokna Hotel dawn qalulhom li l-kamra kienet ibbukjata ghal tnejn min nies. Jghid li Vargas Pena qalet lill-iSpettur li d-droga li kellha kienet ghal persuna li kien fuq l-istess titjira taghha li kien liebes flokk blu u qalziet *three-quarters* abjad. Jghid li meta l-imputat beda jigi mistoqsi domandi fuq ritratti li kellu fuq it-*tablet* tieghu, l-imputat qal li Spanja kien juza vettura hamra. Jghid li minn ricerka li saret fuq *Facebook* irrizulta li Luz Stella Oyola Lozada kellha diversi ritratti mal-imputat (Dok. "NS 2" – *a fol.* 91). Jghid li minn ritratt iehor jidher l-imputat jitbewwes ma' din Luz Stella. Jghid li fuq l-imputat ma nstab xejn. Jghid li l-imputat kien qal li Luz Stella kienet it-tfajla ta' Johanni li kien fuq it-titjira mieghu u wara qalilhom li hu u Luz Stella kienu ilhom hbieb ghaxar snin. Jghid li fil-kartiera tieghu l-imputat kellu wkoll ritratt ta' Luz Stella. Jghid: *"bhala hwejjeg fuq dik il-flight l-unika persuna li kellha flokk blu u qalziet abjad kien John Faber hawnhekk"* (*a fol.* 127).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma marx ghas-CCTV's tal-Burger King.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013, xehed **PS 1331 Darren Debattista** (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn ezebixxa zewg ritratti wara li acceda fl-ufficcju tal-iSpettur Sant liema ritratti jinsabu mmarkati bhala Dok. "DD" (*a fol.* 137 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 145 *et seq.*) fir-rigward tan-nomina tieghu u ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 147 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 175 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-10 ta' Awwissu 2013 kellu struzzjonijiet sabiex imur l-ajruport sabiex jaghmel osservazzjoni fuq titjira tar-Ryanair li kienet gejja minn Madrid. Jghid li kellhom erba' ismijiet ta' persuni liema persuni gew imwaqqfa, inkluz l-imputat. Jghid li mentri fuq l-imputat ma rrizulta xejn, Vargas Pena harget kontenitur mill-parti privata taghha.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **PC 482 Keith Muscat** (*a fol.* 177 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 635 Alan Calleja.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **PS 46 Charlot Casha** (*a fol.* 179) fejn spjega li ha xi ritratti tal-imputat liema ritratti gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "CC" (*a fol.* 181 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013, xehdet **Gloria Stella Vargas Pena** (*a fol.* 191 *et seq.*) wara li nghatat it-twissija u ghazlet li tixhed minkejja li kienet ghaddejja bi proceduri fil-Qorti. Tghid li giet f'Malta minn Madrid fl-10 ta' Awwissu 2013 u li nqabdet bid-droga li kellha fil-parti intima taghha. Tispjega li certu Luz Stella, li hija tghid hija l-mara tal-imputat, qaltilha x'kellha taghmel. Tghid li lil Luz Stella saret tafha f'Madrid fi zmien meta hi (Vargas Pena) kienet bla xoghol. Tixhed li Luz Stella qaltilha li riedet tkellimha fuq xoghol li kellha ghaliha (ghal Vargas Pena) u qaltilha li ma kienx ser ikun hemm problema peress li kienet ser tiehu hsieb kollox hi: kemm ghat-titjira u kif ukoll ghal-lukanda. Tikkonferma li hekk sar. Tghid li wara sar kuntatt iehor maghha (ma' Vargas Pena), giet migbura minn Luz Stella, ittiehdet l-ajruport b'vettura hamra u dak il-hin Luz Stella tatha pakkett li qaltilha sabiex iddahhlu fil-parti ntima taghha. Tghid li fuq l-ajruplan ma nnutatx nies partikolari u li kellha struzzjonijiet sabiex meta tasal Malta tiehu taxi bi flus li kienet tatha u tmur il-Burger King. Tghid li nnutat lill-imputat u kif ukoll zewg guvintur hbieb tieghu. Tghid li lil dawn gie li kienet rathom Madrid.

Tghid li f'Malta kienet diga giet f'Gunju peress li Luz Stella kienet qaltilha li kellha tigi Malta sabiex tigbor xi flus u kienet ser thallasha ta' hekk. Tghid li giet moghtija karta u li l-imputat kien cemplilha u qalilha biex jiltaqghu fil-ghaxija. Tispjega li l-imputat kellu jikkuntattjaha sabiex jaghtiha dak li kellu jaghtiha u fil-fatt hekk ghamel u ghaddielha pakkett. Tghid li qalilha sabiex jghaddieh lill-mara tieghu u marret lura Madrid. Immarkat bhala Dok. "GVP" (*a fol.* 199) *envelope* li juri d-daqs ta' dan il-pakkett. Tghid li ta' dan ix-xoghol ma thallsitx.

Meta regghet giet mistoqsija dwar it-tieni vjagg lejn Malta qalet li Luz Stella kienet qaltilha li kellha titlaqa' mal-imputat li kien ser jikkuntattjaha. Mistoqija tghid jekk kienitx tafu tghid li gharfitu peress li kienet ratu fl-ewwel vjagg. Tghid li ratu Malta meta kienu qed jaghmlu tfittxija fuqu. Tghid li fl-ajruplan ma ratux ghax hi kienet l-ahhar li telghet.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li ma tafx x'kien il-kunjom ta' Luz Stella. Tikkonferma li ddesrivietha bhala l-mara tal-imputat. Mistoqsija tghid kif taf li Luz Stella hija l-mara tal-imputat wiegbet li fuq il-*Whatsapp* johrog ir-ritratt taghha mghannqa mieghu. Tghid ukoll li Luz Stella dejjem irriferiet ghall-imputat bhala r-ragel taghha.

Fl-istqarrija guramentata (Process Verbal bin-Numru 772/13 – *a fol.* 66 *et seq.*), Vargas Pena taghti dettalji simili ghal dik li qalet quddiem il-Qorti. Fl-istqarrija tghid li l-mara li waslitha l-ajruport qaltilha sabiex meta tasal Malta taqbad taxi u tmur il-Burger King f'San Giljan u tistenna hemmhekk peress li kien ser isir kuntatt maghha mill-gharus taghha li kien ser ikun liebes qalziet qasir abjad sa l-irkoppa u *t-shirt* blu. Tghid li kellha tghaddi t-tubu lill-gharus taghha u hu kellu jaghtieha l-flus. Tghid li l-mara qatt ma kienet urietha ritratt ta' dan il-persuna u ndunat min kien ghax meta waslet fl-ajruport ta' Malta ratu liebes kif kienet qaltielha l-gharusa tieghu. Tghid li kellha tithallas elf Euro (€1000.00).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, xehed **Alex Casha** (*a fol.* 219) in rappezentanza ta' *Globe Ground* li huma rapprezentanti ta' Ryanair fejn qal li minn ricerka li saret fuq l-imputat irrizulta li fit-13 ta' Gunju 2013 kien gie Malta minn Madrid. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "AC" (*a fol.* 221 *et seq.*).

**Alex Casha** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 272 *et seq.*) fejn xehed li minn ricerka li saret fuq Gloria Stella Vargas Pena rrizulta li hija giet Malta minn Madrid fit-13 ta' Gunju 2013. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "AC" (*a fol.* 274 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2014, xehdet **Gabriela Vasquez** (*a fol.* 246 *et seq.*) fir-rigward ta' wahda mit-talbiet li kienet saret sabiex l-imputat jinghata l-liberta' provizorja. Hija qalet li lill-imputat tafu ghax hija habiba mal-mara tieghu. Tghid li l-mara tal-imputat hija Luz Stella. Tghid li huma hbieb *tramite Facebook*.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016, xehed l-imputat **John Faber Uruena Molina** (*a fol.* 576 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien gie arrestat meta wasal Malta fl-10 ta' Awwissu 2013. Jghid li kien gie Malta xi erbgha jew hames darbiet qabel u li l-ewwel gie bhala turist imbaghad gie biex jistudja l-Ingliz u peress li fi Spanja kienet ghaddejja krizi kbira ried ifittex hanut tal-haxix jew hanut li jixtri u jbiegh id-deheb. Jghid li hu kien joqghod Spanja u kien jahdem billi jbiegh il-frott u l-haxix f'hanut gewwa Madrid, liema hanut kien mikri. Jghid li kien hemm zmien fejn kellu zewg hwienet fejn f'wiehed mill-hwienet kien ikun hemm Johanni. Jghid li hanut minnhom nehhieh, bejn wiehed u iehor, fis-sena 2012. Mistoqsi dwar Vargas Pena jghid li lil din il-persuna ma kienx jafha u jichad li qatt iltaqa' maghha minkejja li hija qalet li ltaqghet mieghu. Jghid sar jaf x'jisimha waqt li kien il-Qorti jinstema l-kaz tieghu. Jghid li hu mizzewweg. Meta gie muri Dok. "JM 1" (*a fol.* 606 *et seq.*) qal li dan id-dokument juri li huwa ghandu *partner* bl-isem ta' Gina Yohana Carmona Vinasco. Ikkonferma li l-mara tieghu hija dik li tidher f'Dok. "JM 2" (*a fol.* 609). Meta gie muri ritratt li jinsab *a fol.* 79 jghid li l-mara li tidher f'dan ir-ritratt hija Luz Stella li mhijiex il-mara tieghu u li t-tifla li hemm fir-ritratt hija bint Luz Stella. Jghid li fir-ritratt qed jara lilu nnifsu u li l-okkazzjoni hija tal-pracett tat-tifla li tidher fir-ritratt. Jghid li Johanni, li kien qed jivvagga mieghu lejn Malta, huwa r-ragel ta' din il-mara u li flimkien maghhom kien hemm ukoll Ivan Alexander. Jghid li huma kienu qed jivvaggaw flimkien peress li, apparti li kienu hbieb, kienu jahdmu mieghu. Jghid li ghall-vjagg hallas hu (l-imputat) bil-VISA peress li kienu gabru bizzejjed *tips* fil-hanut. Jghid li mid-dar tieghu xtara l-biljetti mar-Ryanair ghat-tlitt persuni u wara li ha r-*reservation number* dan tah lil Johanni biex jipprintja c-*check in* ta' kullhadd kif fil-fatt ghamel. Jghid li dawn gew moghtija lilu (lill-imputat) dakinhar li kienu ser jivvjaggaw. Jghid li ghall-ajruport marru t-tlieta flimkien. Jghid li huwa ghandu vettura Ford Focus bil-kulur ahmar u li

dakinhar martu Carmona Vinasco kienet xoghol go residenza tal-anzjani. Jghid li fl-ajruplan lil Vargas Pena fl-ebda hin ma nnuttaha. Jghid li minn *x-ray* li sar fuqu meta ttiehed l-iSptar ma rrizulta xejn. Mistoqsi jghid x'kien liebes meta wasal Malta jghid li kien liebes flokk blu u qalziet qasir abjad. Jghid li kien ilu liebes hekk minn Madrid.

F'dan l-istadju giet moqrija lilu l-istqarrija (*a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija u gie mitlub jikkonfermax dak li gie moqri lilu. Huwa kkonferma l-firma tieghu fuq kull pagna ta' din l-istqarrija. A skans ta' ripetizzjoni, mhux ser jigi ripetut dak li diga nghad hawn fuq. Jghid li huwa ta' nazjonalita' kolombjana pero kien ilu jghix Spanja mis-sena 2006. Ikkonferma li fl-istqarrija qal li martu jisimha Gina Yohana Carmona Vinasco u li minnha ma ghandux tfal. Jghid li ghandu tifla minn mara ohra li kien maghha fis-sena 2005-2006. Jghid li din it-tifla jisimha Sharon Uruena. Ikkonferma li jsuq vettura Ford Focus ta' kulur ahmar li juzawha hu u martu u li jghixu flimkien. Ikkonferma li meta gie Malta dakinhar li gie arrestat kien gab mieghu hames mija u tmenin Euro (€580.00). Meta gie mistoqsi ghala fl-istqarrija qal li nduna li f'Malta ma kienx hawn hwienet kif ried hu, spjega li ried jghid li ma rax hwienet organizzati u bil-varjeta' peress li l-hanut tieghu fi Spanja kien wiehed organizzat sewwa bil-frott. Ikkonferma li kien imhajjar jikri hanut u jiftah negozju f'Malta u li kien ghadu ma staqsiex mal-awtoritajiet Maltin x'kellu bzonn peress li dan kien progett ghal futur u ried jitghallem l-Ingliz. Jikkonferma li filwaqt li xtara l-biljetti hu pero l-karta li tipprezenta c-*check in* ma kienx printjahom hu pero kien printjahom siehbu Johanni peress li hu (l-imputat) kellu jivvjagga malajr Barcellona biex jara lil bintu. Jghid li l-mara li Vargas Pena bdiet taghmel riferenza ghaliha mhijiex martu pero hija mart Johanni. Ikkonferma li fl-istqarrija rilaxxata minnu cahad li ried jittraffika d-droga. Cahad li z-zewg persuni li kienu mieghu dakinhar li gie Malta u gie arrestat kienu mieghu sabiex jurihom kif ghandhom jaghmlu darb'ohra u kif jigbru d-droga minn ghand il-*couriers*. Ikkonferma li cahad li kien qed jinnegozja fid-droga. Cahad li kien jaf lil Vargas Pena. Jikkonferma li ma jabbuzax mid-droga u li la jpejjep u anqas jixrob. Cahad li martu kienet ghamlet kuntatt ma' Vargas Pena u qaltilha x'ghandha taghmel. Jghid li lil

Vargas Pena qatt ma raha qabel. Mistoqsi dwar ir-ritratt fejn jidher qed ibus lil Luz Stella jghid li lil Luz Stella kien ilu jafha mis-sena 2007 f'liema zmien Luz Stella kienet ghadha mhux ma' Johanni. Jghid li hu jidher qed ibus lil Luz Stella peress li Luz Stella kienet fil-process ta' divorzju minn ma' missier it-tifla li tidher fir-ritratt tal-pracett u Luz Stella talbietu pjacir biex jiehdu ritratt sabiex turi lir-ragel taghha li hi kellha ragel iehor u jhallieha bil-kwiet. Jghid li hu hekk ghamel u li dan ir-ritratt spicca fuq il-*Facebook* taghha. Jghid li f'dan iz-zmien kien ghadu ma zzewwigx lil martu prezenti u lil omm bintu kien telaqha xi 2007-2008. Jichad li fi Spanja jew f'Malta qatt kellu b'xi mod jaqsam mad-droga.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid kif jispjega li fil-*wallet* tieghu nstab ritratt (Dok. "NS 5" – *a fol.* 36) tal-mara li huwa qal li hija ta' Johanni, wiegeb li ilu jafha diversi snin u ma kellux biss dan ir-ritratt pero kien hemm ukoll ritratti ukoll tat-tfal peress li hu l-parrinu tat-tifla z-zghira taghha. Meta gie muri ritratt numru 1 f'Dok. "NS 2" (*a fol.* 91) qal li dan huwa r-ritratt li xehed fuqu in ezami. Mitlub jispjega kif f'ritratti f'Dok. "NS 2" (*a fol.* 91) jidher jghannaq lil Luz Stella qal li dakinhar *"kienet gurnata li morna passiggata jien mal-mara tieghi, hi mar-ragel taghha, apparti minn dak ir-ritratt hemm hafna aktar ritratti li qeghdin fl-Ipad mhux dak biss hemm, hemm aktar"* (*a fol.* 603). Meta gie muri ritratt iehor tieghu flimkien ma' Luz Stella go *restaurant*, qal li huwa kien ilu hafna habib maghha. Jghid li dak ir-ritratt kien il-*birthday* tal-papa' taghha. Jghid li l-kliem *"con mi amor de paseo"* li jidhru f'ritratt numru 9 f'Dok. "NS 2" (*a fol.* 91) ma nkitbux minnu pero jinsabu fuq il-*Facebook* taghha. Cahad li qatt iltaqa' ma' Vargas Pena. Mistoqsi ghala kien harab minn Malta waqt il-proceduri odjerni jghid li minhabba s-sitwazzjoni ekonomika u minhabba l-fatt li dam hafna jitlob il-karta tar-residenza biex ikun jista' jahdem. Jghid li ma kellux biex jiekol u ma kellux biex ihallas kera.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2016, xehdet **Gina Yohana Carmona Vinasco** (*a fol.* 611 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li toqghod f'Madrid. Tghid li zzewget lill-imputat fil-11 ta' Jannar 2012 u mistoqsija dwar x'forma kellu z-zwieg taghhom tghid li dan kien wiehed ta' koabitazzjoni. Ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "CV

1" (*a fol.* 626 *et seq.*) u Dok. "CV 2" (*a fol.* 629) sabiex turi li hi vera kienet il-mara tal-imputat. Tghid li lill-imputat kienet giet tarah f'Malta f'Settembru 2013 peress li kien arrestat. Tghid li Malta kienet giet darb'ohra fl-ahhar ta' Jannar 2012 bidu ta' Frar 2012 ghal qamar il-ghasel. Tghid li l-imputat u hi ma ghandhomx tfal pero tghid li l-imputat ghandu tifla bl-isem ta' Sharon li toqghod ma' ommha go Barcellona u li l-imputat gie li hadha Madrid ghal *weekend*. Tghid li f'Madrid l-imputat kellu hanut tal-frott liema hanut tghid li kien wiehed organizzat. Tixhed li kien hemm xi nies li kienu jghinu lill-imputat imexxi l-hanut u li qabel l-imputat kellu hanut iehor tal-frott pero kellu jaghlqu minhabba li ekonomikament kien sejjer hazin. Tghid li certu Johanni u Ivan Alexander kienu jghinu lill-imputat fil-hanut pero kienu hbieb ukoll. Tghid li Johanni kien mizzewweg ma' certu Luz Stella. Meta giet murija ritratt li jinsab *a fol.* 79 tghid li f'dan ir-ritratt taghraf lill-imputat, lil Luz Stella u lit-tifla ta' Stella fil-pracett taghha fejn l-imputat kien il-parrinu tat-tifla fil-pracett u dana peress li fi Spanja jkun hemm parrinu fil-pracett. Tghid li hija kienet prezenti ghal din l-okkazzjoni tant li hadet dan ir-ritratt. Tghid li hi tahdem go residenza tal-anzjani u li kellhom progett sabiex jifthu hanut tal-frott hawn Malta jew tad-deheb u ghalhekk l-imputat kien vjagga lejn Malta. Tixhed li f'Madrid l-imputat kien juza' vettura Ford Focus hamra u li Luz Stella jew ir-ragel taghha Johanni kellhom vettura Seat hamra pero l-ahmar taghha huwa differenti minn tal-vettura taghhom. Tghid li wara li l-imputat gie Malta u gie arrestat, lil Luz Stella u lir-ragel taghha qatt ma rathom aktar u dana minkejja li marret tfittixhom fejn kienu jghixu. Tixhed li kienet giet infurmata li ma kienux ghadhom joqghodu fejn kienu. Wara li giet murija xi ritratti mill-iSpettur, tghid li ma kienitx taf b'certu affarijiet bhal li kien hemm xi haga bejn l-imputat u Luz Stella. Tghid li meta kellmet lill-imputat fuq dawn ir-ritratti, l-imputat kien qalilha li dawn kienu r-ritratti ta' meta kienu marru passiggjata u tal-pracett. Tghid illi xi kultant kienet tghir u li meta tara affarijiet hekk kienet tintilef. Tghid li giet murija wkoll ritratt ta' mara li l-hija ma tafhiex u li kienet qed takkuza lill-imputat li kienet gabet id-droga maghha. Tghid li haditha bi kbira ghax meta l-imputat kien il-Kolombja huwa kien Pulizija u qatt ma thallat mad-droga u anqas kellu vizzji ta' alkohol jew sigaretti. Meta giet murija xi ritratti

(Dok. "NS 2" – *a fol* 91) tghid li l-imputat kien qalilha li ritratt partikolari ttiehed meta hi kienet ghadha mhux mieghu u li hu u Luz Stella hadu dak ir-ritratt biex jinbxu lill-eks sieheb ta' Luz Stella. Tghid li l-flokk li l-imputat jidher liebes *a fol.* 182 kienet xtratulu hi u li lill-imputat kien joghgbu hafna.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li lil Johanni kienet tarah ta' spiss. Tghid li hi ma tantx kellha simpatija ma' Luz Stella imma l-imputat kien ihobb hafna lit-tifla taghha. Tghid li meta hi u l-imputat kienu ghadhom gharrajjes kien hemm zmien fejn hi u l-imputat ma baqghux flimkien. Tghid li hi ssuq vettura Ford Focus blu. Tghid li qabel l-imputat gie arrestat Malta, l-imputat kien gie darba ohra Malta fir-rigward tal-idea tal-frott u tad-deheb. Mistoqsija tghid jekk bhala kolumbjani ghandhomx drawwa li jzommu xi ritratti fil-kartiera taghhom, wiegbet: *"Iva tal-hbieb, ta' familjari. Ahna l-Latini Amerikani ahna persuni romantici hafna u meta tkun qed titkellem lil xi hadd ghalkemm m'ghandekx l-ebda relazzjoni u tkun gharus, inhobbu nuzaw il-kelma amor qalbi, pappi"* (*a fol.* 624). Meta giet murija ritratt *a fol.* 36 qalet li f'dan ir-ritratt tidher Luz Stella, il-mara tar-ragel li kien jahdem mal-imputat. Ghad-domanda: *"Kont ghiditlna li meta gejt l-ufficcju tieghi u kellimtek kont mfixkla u bdejt tghid le le le le. Ghalxiex?"* (*a fol.* 625), wiegbet: *"Iva meta bdejt turini ritratti ta' rgiel, gharaft lil wiehed u ghidtlek le. Anke meta urejtni xi ritratti fuq Facebook kelli certu rabja go fija u bdejt nghidlek li lanqas. Kont qed nghir u nghalaqt fija"* (*a fol.* 625). Mistoqsija tghid jekk kienitx taf bic-cajta li l-imputat qal li ghamel ma' din Luz Stella, wiegbet: *"Xi haga kien qalli imma ma kontx qed niftakar"* (*a fol.* 625).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-atti processwali jirrizulta li hekk kif l-imputat wasal Malta minn titjira minn Madrid, huwa gie arrestat flimkien ma' zewg persuni ohra li kienu mieghu, liema zewg persuni gew eventwalment rilaxxati. Giet arrestata wkoll persuna ohra Gloria Stella Vargas Pena li kienet fuq l-istess titjira u li kienet qed izzomm tubu bi droga kokajina fil-parti intima taghha. Vargas Pena spjegat x'kellha taghmel malli tasal Malta u ma' min kellha tiltaqa'. Da parte tieghu, l-imputat gie akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'assocjazzjoni u

taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigi akkuzat bir-reat ta' *money laundering*. L-imputat jichad kwalunkwe allegat involviment tieghu f'dan il-kaz u jichad li qatt iltaqa' ma' Vargas Pena jew li kien jafha. Il-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Assocjazzjoni)</u>:**

Illi Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull min:
>
> [...]
>
> (f) jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni,
>
> ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza".

Illi Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** deciza fis-6 ta' Marzu 2003, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> *"As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between*

*two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". [...]*

*This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

"Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erba' u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi jkun ukoll opportun li l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 2009 fejn nghad is-segwenti:

*"Furthermore, as **Timothy Jones** and **Michael Christie** point out in the second edition of **Criminal Law**[4]**:***

*"Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.*

*Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in* **H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney** *(1968):*

[4] Greens Concise Scots Law (Edinburgh), 1996, page 140, paras. 7-46 to 7-48.

> *"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."*
>
> *The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt.*
>
> *The cynical view of proof in conspiracy cases would be that the apparent difficulty in proving the agreement is to the advantage of the prosecutor. There is the danger that in stressing to the jury that a conspiracy can be proved inferentially, the judge may neglect to emphasise the necessity of proof per se".*

Illi ghall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Prosekuzzjoni tistrieh fuq dak li xehdet Gloria Stella Vargas Pena u kif ukoll fuq numru ta' affarijiet ohra li skond l-istess Prosekuzzjoni jissodisfaw il-prova ta' htija tal-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni. *Da parte* taghha d-difiza tikkontendi li l-imputat ma ghandu bl-ebda mod jinstab hati ta' din l-imputazzjoni u dan ghar-ragunijiet elenkati b'mod dettaljat fis-sottomissjonijiet taghha.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Dakinhar tal-10 ta' Awwissu 2013 l-imputat u z-zewg persuni l-ohra li kienu mieghu kienu fuq l-istess titjira li fuqha kienet Vargas Pena li nstab fuqha tubu b'199.86 grammi ta' kokajina.

- L-imputat u Vargas Pena kellhom jirritornaw lura Madrid minn Malta fit-13 ta' Awwissu 2013 fuq l-istess titjira (*Vide* Dok. "NS 1" – *a fol.* 32 *et seq.*).

- Fir-rigward tat-titjira minn Madrid lejn Malta, mentri n-numru fuq il-biljett tac-*check-in* tal-imputat kien "135" (*a fol.* 32), ta' Vargas Pena kien "134" (*a fol.* 33). Fir-rigward tat-tijira minn Malta lejn Madrid, mentri n-numru fuq il-biljett tac-*check-in* tal-imputat kien "158" (*a fol.* 34), ta' Vargas Pena kien "157" (*a fol.* 32A). Il-Qorti tistaqsi: dan b'kumbinazzjoni?

- Fit-13 ta' Gunju 2013, l-imputat u Vargas Pena kienu gew Malta minn Madrid fuq l-istess titjira.[5]

- Fir-rigward tal-vjagg ta' Vargas Pena f'Awwissu 2013, malli tasal Malta hija kellha tibqa' sejra quddiem il-Burger King f'Paceville u tiltaqa' ma' xi hadd li kellu jkun liebes qalziet *three-quartes* abjad u flokk blu.

- L-imputat kien liebes qalziet *three-quarters* abjad u flokk blu[6]. Il-Qorti tistaqsi: dan b'kumbinazzjoni?

- Minkejja li meta kienet ghadha fl-ajruport, Vargas Pena wiegbet fin-negattiv ghad-domanda jekk kienitx taf lit-tlitt irgiel li waslu fuq it-titjira maghha, cioé l-imputat u t-tnejn l-ohra li kienu mieghu, wara xi hin qaltilhom *"one"* u ndikat b'dan anke b'subghajha.

- Meta xehdet quddiem il-Qorti, Vargas Pena tghid li fl-ajruport rat lill-imputat u liz-zewg persuni l-ohra li kellu mieghu. Identifikat lill-imputat bhala r-ragel ta' Luz Stella.

- Skond Vargas Pena, Luz Stella, il-mara li tidher fir-ritratti mal-imputat hija l-mara li organizzat kollox: li hadietha l-ajruport f'Madrid, li tatha d-droga biex tpoggieha fil-parti ntima taghha, li tatha l-flus sabiex taqbad taxi malli tasal Malta u tmur quddiem il-Burger King f'Paceville u tiltaqa' ma' persuna bil-hwejjeg li qaltilha. Tghid li kellha tithallas elf Euro (€1000.00).

---

[5] *Vide* depozizzjoni ta' Alex Casha (*a fol.* 219 *et seq.* u *a fol.* 272 *et seq.*).
[6] Dok. "CC" – *a fol.* 181 *et seq.*

- Vargas Pena tirreferi ghal Luz Stella bhala l-mara tal-imputat ghax din il-mara dejjem hekk ghamel riferenza ghaliha nnifisha.

- Vargas Pena tispjega li Luz Stella kienet haditha l-ajruport b'vettura hamra. Irrizulta li l-imputat kellu vettura ta' kulur ahmar.

- Meta Vargas Pena giet mistoqsija tghid jekk lill-imputat kienitx tafu, wiegbet li gharfitu peress li kien ltaqghet mieghu f'Gunju 2013 meta giet Malta u ghaddielha pakkett. L-imputat jichad dan.

- Minkejja li quddiem il-Qorti xehdet Carmona Vinasco fejn qalet li hija l-mara tal-imputat u ezebiet ukoll dokumenti in sostenn ta' dan, il-Qorti tinnota li jghid x'jghid l-imputat u tghid x'tghid Carmona Vinsaco jidher li kien hemm aktar minn hbiberija bejn l-imputat u Luz Stella. Anke fid-depozizzjoni taghha, Vargas Pena tghid li fuq il-*Whatsapp* johrog ir-ritratt ta' Luz Stella mghannqa mal-imputat. Fir-rigward tal-fatt li Carmona Vinasco xehdet li persuni Latini Amerikani huma persuni romantici hafna u li jzommu ritratti ta' hbieb u familjari taghhom fil-kartiera taghhom, il-Qorti tinnota kif fil-kartiera tal-imputat instab ritratt ta' Luz Stella pero ma nstabx dak ta' Carmena Vinasco!

- Anke Gabriela Vasquez, li xehdet fir-rigward ta' rikors sabiex l-imputat jinghata liberta' provizorja, qalet li lill-imputat tafu ghax hija habiba fuq *Facebook* mal-mara tieghu li skond hi hija Luz Stella!

- Kien hemm x'kien hemm bejn l-imputat u Luz Stella l-fatt jibqa' li m'hemmx dubju li huma t-tnejn kienu jafu lil xulxin sew hafna, haga li ma gietx negata mill-imputat.

- Il-fatt li jista' jaghti l-kaz li Luz Stella kienet il-mara ta' Johanni li kien mal-imputat dakinhar li wasal Malta ma jbiddel xejn fl-istorja. Il-Qorti mhijiex qieghda hawn biex tipprova tfittex min kien mizzewweg ma' min jew min sieheb kien sieheb ta' min,

pero l-ghan tal-Qorti huwa li tizen il-provi kollha prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li huwa minnu li jista' jaghti l-kaz li f'Madrid l-imputat kien sid ta' hanut tal-haxix u tal-frott pero, minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex sodisfatta li huwa ma kienx jaf lil Vargas Pena. Il-Qorti ma tqies kredibbli lill-imputat meta jiddeskrivi r-relazzjoni ta' hbiberija tieghu ma' Luz Stella. Anqas ma l-Qorti tqies kredibbli lill-imputat meta huwa jghid li ma kienx jaf lil Vargas Pena. Minkejja li huwa fatt li l-Qorti kif preseduta ma semghetx lil Vargas Pena tixhed, u dana peress li din xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, pero l-Qorti hija f'pozizzjoni li tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li gie elenkat hawn fuq u tikkunsidra l-assiem kollu tal-provi prodotti minn fejn jirrizulta li dawn kollha jippuntaw lejn il-fatt li l-imputat kien involut sew f'dak li gara u f'dak li kellu jigri u f'dak li kien pjanat li jigri. Jirrizulta car li kien hemm pjan zviluppat u mahsub tajjeb ta' kif tiddahhal d-droga f'pajjizna, min kellu jiltaqa' ma' min, fejn, min kellu jkun liebes xiex, kif kien ser isir dan l-inkontru u li kellu jsir hlas lura lil Vargas Pena ta' dak li ghamlet. Jirrizulta car li kien hemm ftehim bejn tnejn jew aktar persuni sabiex jimpurtaw id-droga f'Malta u li l-imputat kien involut sew fih. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni minghajr ma kkunsidrat x'kienet ir-raguni vera li l-imputat harab minn Malta u mar Madrid waqt li kien pendenti l-kaz tieghu quddiem il-Qorti u ghala ta' ruhu b'idejh ghand il-Pulizija hemmhekk u dana minkejja li l-imputat jghid li harab minn Malta minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u minhabba li ma riedux jaghtuh r-*residential permit*. Il-Qorti kienet tispekula kieku qaghdet tahseb dwar ir-raguni vera ghala l-imputat harab lejn Madrid pero l-Qorti mhijiex marbuta temmen lill-imputat meta qal ir-raguni ghala telaq minn Malta!

Illi, tenut kont ta' dan kollu, u tenut kont ta' dak li huwa rikjest sabiex tigi pruvata l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u tal-elementi rikjesti u kif elenkati fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb** li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija sodisfatta li dawn l-elementi gew sodisfatti. Ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1)

imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(*Money Laundering*)</u>:**
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carlos Frias Mateo** deciza fid-19 ta' Jannar 2012 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Ma hemmx dubju illi r-reat ta' *money laundering* huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provinjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-*Money Laundering* Kap. 373 ipoggi l-onoru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-onoru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs. John Vella**: *"din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi strument ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem"*.
>
> Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi Sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dawk il-flus.

Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza **Il-Pulizija vs. Paul Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' *money laundering* taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova *prima facie* n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta *"minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-Prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap. 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita' kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni Skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi prima facie pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap. 101 u dan qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-onoru tal-prova fuq l-akkuzat"*.

F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap. jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova *prima facie* japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'*money laundering* taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-Prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma' xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li ma kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-Prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tipprova huwa fuq grad ta' *prima facie* illi ma hemm l-ebda

> spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali".

Illi fil-kaz odjern kull ma jirrizulta fl-atti processwali li tista' b'xi mod tigi llaccjata ma' din l-imputazzjoni hija dik il-parti tad-depozizzjoni ta' Vargas Pena fejn qalet li f'Gunju 2013 kienet giet f'Malta biex tigbor xi flus u dana peress li, skond Vargas Pena, Luz Stella kienet qaltilha biex taghmel hekk. Tispjega li kienet iltqaghet mal-imputat u li l-imputat kien ghaddielha pakkett sabiex taghtih lil martu gewwa Madrid. Hija mmarkat bhala Dok. "GVP" (*a fol.* 199) *envelope* li juri d-daqs ta' dan il-pakkett li tghid li kien maghluq. X'kien hemm ezatt f'dan il-pakkett ma giex sodisfacentement pruvat u, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu *stante* li din ma gietx pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha biss.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 5), in-natura serjissima tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu li tirrigwarda importazzjoni ta' droga mill-esteru gewwa pajjizna, l-ammont ta' droga nvoluta u l-valur taghha u kif ukoll il-ftehim li sar ghan-negozju in ezami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikoli 22(1)(f) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat John Faber Uruena Molina hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront

tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) snin prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' ghaxart'elef Euro (€10,000).

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€2483.45) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz[7].

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

---

[7] Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 98 *tergo*): €169.92; PS 1331 Darren Debattista (Dok. "DD" – *a fol.* 140): €41.99; Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 151 *tergo*): €413.66; Ms. Imelda Feda (Dok. "IF" – *a fol.* 343 *tergo*): €404.16; Ms. Imelda Fede (*a fol.* 565 *tergo*): €1453.72.